FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

9 t'April 2015

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Erbgha u Erbghin (44) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah l-**Erbgha u Erbghin (44)** Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 8 t'April 2015 fit-8.30am,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Financial Statements 2014
10. Ingagg ta` skrivan
11. Servizz ta Gbir ta Skart Goff
12. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-Erbgha u Erbghin (44) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**

**Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li ma setax ikun prezenti ghal-laqgha.**

**Il-Kunsillier Edward Torpiano ma kienx prezenti ghal-laqgha.**
**L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh Michaela Farrugia talbet li tkun skuzata.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tlieta u erbghin (43) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.3 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.4 Il-minuti msemmija f'1.3 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-minuti.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Bord tal-Governanza fejn informa lill-Kunsill bid-decizjoni tieghu fir-rigward tal-materja rraportata mill-Kunsill dwar ksur ta' kodici ta' etika minn xi hadd fil-Kunsill Lokali Floriana. Is-Sindku qal li l-Bord ma setax jasal ghall-konkluzjoni ladarba ma kien gie identifikat hadd u ghalhekk hass li kellu jfakkar il-kodici tal-etika kemm lill-kunsillieri prezenti kif ukoll lill-kandidati prospettivi.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Din l-Art Helwa li talbu biex il-*keep clear* li hemm magenb l-Msida Bastion Historic Garden tinbidel fi spazji ta' parkegg biex ikunu jistghu jaghmlu uzu minnhom l-impjegati. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-*keep clear* kienet saret ghal raguni. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta u lanqas qabel li ghandu jaghmel parkegg riservat ghal din l-entita' ladarba ma kinitx intitolata ghal parkegg riservat skont il-linji gwida ta' Transport Malta.

3.3 Is-Sindku ressaq ilment dwar ic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V fejn kien informat li l-gnien kien mahmug hafna. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li meta zaru l-gnien is-Sibt ma kienx jidher mahmug.

3.4 Il-Kunsillier Vincent Borg fakkar lis-Segretarju Ezekuttiv fir-rikjesta tal-Pulizija sabiex jinzammu l-filmati tal-gnien nhar l-1 t'April. Huwa zied jghid li xi hadd kien qala l-wicc tal-mejda u tefghu fil-vaska. Is-Sindku qal li xi hadd kien tefa' parti mill-mejda fejn darba kien hemm palma zghira. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ser jiehu hsieb jingabru il-filmati, filwaqt li l-haddiema diga marru biex jigbru il-bicciet.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand ANSEK fejn informaw li s-shubija tal-Kunsill maghhom kienet skadiet u ghalhekk setghet terga' tiggedded. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jgedded l-ishubija tieghu mal-ANSEK.

3.6 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-kwistjoni li nqalghet rigward id-distribuzzjoni tal-ktieb Programm ta' Hidma tal-Kunsill Lokali. Huwa qal li minkejja dak li ntqal, dan il-ktejjeb kien ser jitqassam skont il-ftehim li kien hemm matul il-laqgha tal-Kunsill.

3.6.1 Il-Kunsillieri Borg u Sammut Hili qalu li huma jaqblu li l-ktejjeb jitqassam izda mhux qabel l-elezzjoni.

3.6.2 Is-Sindku qal li l-ftehim kien li l-ktejjeb jitqassam qabel l-elezzjoni.

3.6.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li assolutament ma taqbilx ma' dan u ghamlet riferenza ghall-minuti ta diversi laqghat u diversi komunikazzjonijiet ohra fejn kien gie rrekordjat li hi qalet li taqbel mal-pubblikazzjoni tal-ktejjeb bil-kundizzjoni li dan jitqassam kmieni u mhux lejliet l-elezzjoni bhalma gieli sar.

3.6.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li dak kien biss kumment taghha u mhux decizjoni tal-Kunsill.

3.6.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili fakkret fil-memo interna mressqa l-gurnata ta' qabel li kienet giet approvata mill-maggoranza tal-kunsillieri ghaldaqstant hemm decizjoni ta maggoranza ukoll permezz ta din il-memo

3.6.6 Is-Sindku qal li l-ftehim kien li jitqassam qabel l-elezzjoni bhalma dejjem sar f'legislaturi precedenti

3.6.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet ghalfejn ried bilfors li jitqassam qabel l-elezzjoni u saqsiet ghalfejn ma kienx lest qabel ghax din il-pubblikazzjoni kienet ilha tigi diskussa 3 xhur.

3.6.8 Is-Sindku wiegeb li f'kull kunsill, il-ktejjeb dejjem kien tqassam qabel l-elezzjoni u ma jistax jifhem ghalfejn ghandha tinbidel il-prassi ta' hames legislaturi.

3.6.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ricentement kienu qed jinkisru hafna prassi u semmiet esebizzjoni li ttellghet f'Jum il-Floriana fejn il-kunsillieri la kienu approvaw l-esebizzjoni u lanqas kienu nformati. Hija qalet li din kienet xi haga tal-misthija fejn kienu marru ghal Jum il-Floriana minghajr ma kienu nformati li ser issir esebizzjoni jew min kien l-esebitur.

3.6.10 Is-Sindku qal li l-kunsillieri ghandhom jaghtu kontribut fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet u jkunu iktar involuti.

3.6.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li huma kienu taw kontribut bhal fl-attivita' li ttellghet is-Sibt ta' qabel meta kienu qed igorru l-ixkupi u jikinsu. Hija ziedet tghid li kien hemm min lanqas kines u qaghad "mangia passiggia".

3.6.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex imur igib il-memo interna ta' meta kienet giet approvata l-kwotazzjoni tal-pubblikazzjoni tal-programm ta' hidma. Hija qalet li meta giet iccirkolata din il-memo interna, hija kienet talbet fit-twegiba li l-programm m'ghandux jitqassam fl-istess gimgha tal-elezzjoni.

3.6.13 Is-Sindku sostna li ghal darbo'ohra dan kien biss kumment u ma kienx jirrifletti d-decizjoni tal-Kunsill.

3.6.14 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili sostniet li kien hemm decizjoni b'memo interna u li l-Kunsillier Vincent Borg kien qabel maghha.

3.6.15 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li allura ser titlob laqgha straordinarja dakinhar stess sabiex din il-materja tigi deciza f'laqgha tal-Kunsill kif qed jghid is-Sindku.

3.6.16 Is-Sindku Nigel Holland qal li s'issa l-kunsillieri kienu ghadhom ma tawx raguni valida ghalfejn il-kotba m'ghandhomx jibdew jitqassmu.

3.6.17 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li din kienet skont id-decizjoni mehuda l-gurnata ta' qabel permezz ta' memo interna u jekk is-Sindku xtaq li dawn jitqassmu dil-gimgha, allura ghandu jaghmel rizoluzzjoni specjali.

3.6.18 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu m'ghandux bzonn jaghmel rizoluzzjoni specjali ghax id-decizjoni fil-laqgha tal-Kunsill kienet tghid li l-kotba ghandhom jitqassmu qabel l-elezzjoni u mhux wara.

3.6.19 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet qed tikkwota r-ragunijiet ghalfejn m'ghandhomx jitqassmu l-kotba mill-minuti u saqsiet lis-Sindku sabiex jaghti raguni valida hu ghalfejn ghandhom jitqassmu qabel.

3.6.20 Is-Sindku Nigel Holland qal l li hu m'ghandux bzonn jaghti ragunijiet ghaliex din kienet dejjem id-drawwa tal-kunsill.

3.6.21 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kienu nbidlu hafna drawwiet – semmiet il-boroz tal-iskart riciklat li skont informazzjoni li ghandha qed jigu distribwiti minghajr il-bzonn li wiehed jipprezenta l-karta tal-identita'.

3.6.22 Is-Sindku Nigel Holland qal li ma jafx ghalxiex kienet qed tghid. Huwa qal li l-Kunsillier Vincent Borg stess kien gabar ammont ta' boroz sabiex itihom lil tal-familja u ma setax jifhem x'kien sar hazin.

3.6.23 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-boroz kien hadhom minghand is-Sindku u ma kienx qabad u hadhom minghajr ma qal lil hadd. Huwa qal ukoll li dawn kien gabarhom ghal tal-familja li huma residenti fil-lokalita'.

3.6.24 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li jekk kien sar hekk, kien sar hazin u talbet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega l-procedura ta' kif jitqassmu l-boroz. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li l-istaff amministrattiv iqassam il-boroz fuq prezentazzjoni ta' karta tal-identita' tal-individwu.

3.6.25 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet fakkret lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tingieb kopja tal-memo interna li ntbaghtet bir-risposti relevanti. Is-Segretarju irrimarka li jekk iridu id-dokumentazzjoni, jissospendu il-laqgha sakemm igibhom.

3.6.26 Is-Sindku Nigel Holland qal li memo interna ma tirbah qatt fuq decizjoni mehuda f'laqgha tal-Kunsill. Hija decizjoni tal-Kunsilli precendenti li Memo Interna tista terga tigi diskussa waqt laqgha tal-Kunsill u tittiehed decizjoni, u hija dik id-decizjoni li tkun finali.

3.6.27 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li din il-kundizzjoni ma kinietx tapplika dejjem.

3.6.28 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien ghadu qed jistenna raguni valida ghalfejn il-ktejjeb m'ghandux jibda' jitqassam. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet lis-Sindku sabiex jaghti raguni valida ghalfejn ghandu jitqassam.

3.6.29 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien tkellem man-nies u hadd ma seta' jifhem ghalfejn il-kunsillieri li kienu qablu huma stess li jaghmlu l-programm ma riedux li jitqassam.

3.6.30 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li huma ma kienux qed jghidu li l-ktejjeb m'ghandux jitqassam izda li ghandu jitqassam wara l-elezzjoni u mhux dik il-gimgha.

3.6.31 Is-Sindku Nigel Holland saqsa ghalfejn kienu qed jirreagixxu b'dan il-mod u qal li donnhom kienu qed jibzghu minn xi haga.

3.6.32 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi m'ghandha ghalfejn tibza minn xejn u li n-

nies kienu ser jiggudikaw huma stess.

3.6.33 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li d-decizjoni kienet li l-programm jitqassam qabel u mhux lejliet l-elezzjoni, u mhux li ma jitqassamx kif qed jghid is-Sindku.

3.6.34 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ma setax jirrimarka fuq l-attivita' li nzammet is-Sibt li ghadda fejn hafna kienu kkumentaw li din l-attivita' kienet ittellghet ghax kienet waslet l-elezzjoni. Huwa qal li fil-kaz tal-pubblikazzjoni, dan kien ser igib l-istess kummenti fejn il-ktejjeb ser jitqassam jumejn qabel l-elezzjoni ghall-istess raguni.

3.6.35 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li huma ma jaqblux li l-ktieb jitqassam din il-gimgha ghax ma jhossx li dan ghandu jitqassam lejliet l-elezzjoni.

3.6.36 Is-Sindku Nigel Holland qal li f'legislaturi precedenti sa kien hemm prassi fejn il-ktejjeb jitqassam minn min ikun qed jaghmel il-house visits.

3.6.37 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ma taqbilx ma' din il-prassi u li hi ma kellix x'taqsam ma' kunsilli precedenti. Hija qalet li ma kienet ser titkellem ghal hadd f'kunsill precedenti hlief ghaliha nnifisha fil-kunsill prezenti.

3.6.38 Is-Sindku qal li ma setax jifhem ghalfejn kienu qed jibzghu iqassmu l-kotba.

3.6.39 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-kunsillieri kienu ser jibqghu caretakers sal-ahhar t'April u ghalhekk seta' jitqassam wara l-elezzjoni.

3.6.40 Is-Sindku Nigel Holland qal li d-decizjoni tal-Kunsill kienet li l-ktieb jitqassam qabel l-elezzjoni u ghalhekk ser jimxi mad-decizjoni tal-Kunsill.

3.6.41 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li mhux ser taccetta dan specjalment ladarba kienu gew mittiehda diversi decizjonijiet permezz ta' memos interni.

3.6.42 Ghalhekk hija talbet li tissejjah laqgha straordinarja dak inhar stess fil-11.30am. Il-Kunsillier Vincent Borg issekonda.

3.6.43 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-kotba kienu ser jitqassmu xorta u jekk kien hemm bzonn, kien ser jerfa' r-responsabbilta' hu.

3.6.44 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-kotba m'ghandomx jitqassmu qabel tinzamm il-laqgha straordinarja.

3.6.45 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-kunsillieri misshom jisthu ghax kienu qed jippruvaw jostru mill-poplu Furjaniz. Huwa qal li dan kien attentat malinn min-naha tal-kunsillieri.

3.6.46 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li dan kien insult lill-kunsillieri u li ma kienx ser joqghod ghal dan il-kliem.

**<u>Nota: 08:55 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili harget mill-kamra.</u>**

**<u>Il-laqgha giet sospiza minhabba nuqqas ta' kworum.</u>**

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv

**Flores Svetlick J at DLG**

| | |
|---|---|
| **From:** | Michaela Farrugia <michaela_farrugia@hotmail.com> |
| **Sent:** | Wednesday 08 April 2015 11:36 |
| **To:** | Flores Svetlick J at DLG |
| **Subject:** | Re: 150408 - 44-06 - Agenda - Korretta |

Dear Svetlick

I wish to inform you that I am unable to attend for the meeting of 8th April which is going to be held at 8.30 am as I am going to have an exam on Friday morning.

I apoligise.

Thanks and regards

Michaela

**From:** Flores Svetlick J at DLG
**Sent:** Wednesday, April 01, 2015 10:59 AM
**To:** Mr nigel holland ; matthew.paris@gmail.com ; davina sammut hili ; Vincent Borg ; torpianoedward@gmail.com
**Cc:** Borg Bonaci Emmanie at DLG ; michaela_farrugia@hotmail.com
**Subject:** 150408 - 44-06 - Agenda - Korretta

Sinjuri

Innutaw l-anness, updated

Svetlick